Frar 2015

# ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR



## Bidu tal-proġett fi

# Pjazza San Pietru u San Pawl

Wara li tajna bidu għall-ewwel fażi tax-xogħol ta' tisbieħ ta' Pjazza San Pietru u San Pawl, bi pjaċir, il-Kunsill iħabbar li rnexxielu jakkwista aktar fondi sostanzjali mill-Unjoni Ewropeja taħt Miżura 413.4, sabiex nkunu nistgħu nibdew b'mod immedjat it-Tieni fażi tal-proġett. Dan ix-xogħol qed isir skond il-permess li nħareġ mill-Mepa għal applikazzjoni numru PA1458/2009. Bħala parti minn dan il-progett, qed jinqalgħu s-siġar li kien hemm fil-pjazza u qed jiġu mħawwla f'postijiet oħra fin-Nadur stess.

Dan qed isir peress li dawn is-siġar kienu qed jikkawżaw ħsarat enormi fid-djar residenzjali bl-għeruq taghhom. Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jiddikjara li huwa favur li jitħawwlu aktar siġar tant li fl-aħħar snin, ħawwel mijiet ta' siġar fin-Nadur. Hekk ser jibqa' jagħmel biex jassigura li jiżdied bil-kbir l-ammont ta' siġar fil-lokalita'.

Filwaqt li niskużaw ruħna mar-residenti għal ftit dewmien fuq ix-xoghol li qed isir, ninfurmaw li dan ma kienx b'xi nuqqas minn naħa tal-Kunsill tagħna, pero' minħabba problemi u ntoppi li nqalgħu wara li tajna bidu għax-xogħol. Inwegħdu li għajnejna ser ikunu qegħdin fuq ix-xogħlijiet sabiex isiru b'tali mod li jibqgħu jitgawdew għal tul ta' żmien u li jitlestew fl-iqsar żmien possibli.

# Xogħlijiet



Tlestija tat-tinda fuq il-*pitch* tal-boċċi f'San Blas



Toroq u passaġġi fir-raba



Bankijiet u mwejjed f'Ta' Xurdin

Żomm ruħek aġġornat bl-attivitajiet, inizjattivi, xogħlijiet u nformazzjoni oħra tal-Kunsill.

Għamel LIKE fuq il- paġna ta' Facebook

www.facebook.com/NadurLocalCouncil



**Ġnien San Blas mixgħul b'sistema ta' dawl solari**



**Bdil tal-*fencing* fil-grawnd tal-futbol**



***Railing* tal-ħadid fin-niżla għall-bajja ta' San Blas**


Delicata Classic Wine Festival 2015

GNIEN IL-KUNSILL
NADUR, GHAWDEX
28 - 30 AWISSU



## Is- 7 Kunsill Lokali tan-Nadur

# Sentejn u nofs ta' Ħidma ma taqta' xejn

1 Il-Kunsill iltaqa' b'mod regolari, tal-anqas darba fix-xahar.
2 Diversi laqgħat tas-Sotto Kumitati fi ħdan il-Kunsill.
3 Laqgħat regolari tal-Kunsill taż-Żgħażagħ.
4 Kabbarna u nvestejna aktar fl-attivitajiet kulturali ta' matul is-sena.
5 Akkwistar ta' diversi sponsors.
6 Tiżjin professjonali tat-toroq prinċipali fi żmien il-Milied.
7 Diversi ħarġiet għat-tfal u l-anzjani tagħna f' Malta u f'Għawdex.
8 Għajnuna kontinwa lill-għaqdiet kollha tar-raħal u lill-Parroċċa.
9 Monument b'tifkira ta' Bryan Portelli.
10 Tħawwil ta' siġar u pjanti f'diversi nħawi tan-Nadur.
11 Restawr tal-Monument ta' Dun Karm Caruana.
12 Restawr tal-Monument ta' Dun Salv Vella fi Triq it-Tiġrija.
13 Passaġġi fir-raba bis-*cement* u tranġar ta' mogħdijiet tal-bdiewa bit-torba.
14 Xogħol ta' *embellishment* fil-bajjiet ta' San Blas u Daħlet Qorrot.
15 Dawl fil-latrina ta' Daħlet Qorrot permezz ta' *off grid PV system.*
16 Dawl fl-inħawi tar-Ramla fuq b'sistema ta' enerġija solari.
17 Xiri ta' ruxxmata kotba ġodda u xkaffar ġdid fil-Librerija Pubblika.
18 Kisi bil-*porfido* fi tlett sqaqien.
19 Diversi bankini ġodda u bdil ta' oħrajn perikolużi.
20 *Resurfacing* ta' Triq Madre Ġemma, Triq Rakela Camilleri u Triq Wied Binġemma.
21 Saħħaħna d-*Day Centre* tal-anzjani u bi sħab mal-Parroċċa ftaħna ieħor ġdid fi Triq it-Tiġrija.
22 Restawr fit-Torri ta' Sopu.
23 Żewġ pubblikazzjonijiet ġodda: *Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fin-Nadur* u *Nadur Youngsters*.

24 Trattament u bexx lis-siġar tal-palm kollha kontra il-mard.
25 *Play Equipment* ġdid għat-tfal fl-iskola primarja.
26 Tinda għall-partita tal-boċċi f'San Blas u oħra fi Triq Xandriku.
27 *Litter bins* ġodda fil-pjazza u l-madwar.
28 *CCTV Cameras* fi Ġnien il-Kunsill u fl-ufficcju tal-Kunsill.
29 *Safety railings* fil-*playing fields* ta' San Blas, Ġnien il-Kunsill u tal-Ħali.
30 Bini ta' diversi ħitan tas-sejjieħ.
31 Applikajna b'suċċess għal fondi Ewropej taħt diversi miżuri.
32 Tajna priorita' lill-indafa: saru sforzi kbar biex ir-raħal jinżamm pupilla.
33 Ħadna sehem b'delegazzjonjiet varji f'laqgħat barra minn Malta.
34 Ġew organizzati diversi korsjiet fis-sajf.
35 Ġew organizzati korsjiet tal-*Lifelong Learning* u *fitness classes*.
36 Kuntatt kontinwu mar-residenti: dehra ġdida lill-*website* tal-Kunsill u twaqqif ta' paġna fuq *Facebook*, diversi ħarġiet ta' *Ħidmietna f' Isimkom* u tqassim ta' avviżi u *flyers* b'mod regolari.
37 Diversi wirjiet ta' klassi fil-*premises* tal-Kunsill.
38 Bini ta' *culvert* għall-ilma tax-xita f'Wied Binġemma.
39 Tindif tas-sisien f'Daħlet Qorrot minn ġebel u blat perikoluż.
40 Manutenzjoni ġenerali u bandli ġodda fil-*playing fields*.
41 Xiri ta' *duplicator* għall-użu tal-għaqdiet.
42 Rampa ġdida għas-sajjieda f'Daħlet Qorrot.
43 Bdejna il-proċess sabiex jingħata wiċċ ġdid lil Triq San Ġużepp u Triq San Koronatu.
44 *Live streaming* tal-laqghat tal-Kunsill Lokali.
45 Wasalna fi stadju avvanzat sabiex jibda il-pavimentar ta' Triq Dun Ġorġ Preca.
46 Bidu tal-proġett tal-Pjazza.






# Attivitajiet ta'
# JUM IL-KUNSILL
# NOVEMBRU 2014


Premju Ġieh in-Nadur lis-Sur Anthony Portelli


Blood Donation


Wirja fil-Kunsill


Kunċert fil-Kapella tas-Sorijiet Franġiskani


Ħarġa għall-anzjani


Intervista mas-Sur Eddie Vella


Futbol Tournament


Tħawwil ta' siġar


Sports day fil-Museum



Wirja ta' Vetturi Klassiċi u Militari antiki fil-Pjazza



Quddiesa ta' ringrazzjament





Clean Up Nadur



RITRATTI:
Mario Muscat, Alessio Sultana u Anthony Cassar



# HALLOWEEN OTTUBRU 2014

**Attivita' organizzata għall-ewwel darba fin-Nadur mill-Kunsill Lokali**







Żjara mill-President tar-Repubblika

# ET. Marie Louise Coleiro Preca

DIĊEMBRU 2014

# MILIED FIN-NADUR
# DIĊEMBRU 2014


Tiżjin tat-Toroq


Presepju Ħaj


Wirja fil-Kunsill


Kunċert Christmas Cheers

# Avviżi



## Karnival 2015

Il-Karnival Organizzat, li din s-sena ser tkun l-24 edizzjoni tiegħu, ser isir il-Ħadd 8 ta' Frar fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Tħejja programm mimli daqs bajda li mhux ta' min jitilfu - jibda fin-12.30 pm bil-parteċipazzjoni ta' diversi kumpaniji taż-żfin, baned u karrijiet trijonfali. Attivita' li tintemm bil-kukkanja. Dak spontanju ser isir bejn il-Ġimgħa 13 u it-Tlieta 17 ta' Frar. Għal sena oħra, dan għandu jkun esperjenza unika, mwielda mill-bluha u l-ispontanjeta' - esperjenza li poġġiet il-Karnival tan-Nadur fost l-aqwa Karnivali fid-dinja. Għat-tieni sena konsekuttiva, il-Karnival Spontanju tas-Sibt ser jixxandar dirett fuq NET TV. Bħala Kunsill nappellaw għall-prudenza.

## Ġbir ta' Ħġieġ għar-Riċiklaġġ



Infakkrukom f'dan is-servizz ġdid li qed noffru. Dan qed isir kull l-ewwel Ħamis tax-xahar. Il-Ħġieġ għandu jinħareġ barra; kulħadd quddiem ir-residenza tiegħu, wara s-sebgħa ta' filgħodu u għandu jitpoġġa f'kaxxa tal-kartun.

## Żjara f'Turin u Milan



Tour għall-inwagurazzjoni tal-monument ta' Dun Joshua Muscat. Dan ser isir bejn is-16 ta' Mejju u l-20 ta' Mejju. Tħejja programm speċjali, fejn apparti li nattendu għaċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-monument tal-mikbi Dun Joshua Muscat, ser ikollna ċans inżuru postijiet oħra ta' nteress fosthom il-Katridral ta' Turin fejn naraw il-Liżar ta' Kristu u *Lago Maggiore*. Il-postijiet huma limitati u għalhekk dawk interessati għandhom jinkitbu u jħallu depożitu l-Kunsill.

# Nifirħu u Nawguraw



Il-Kummissarju Ewropew għall-kultura Tibor Navracsics jippreżenta l-premju tal-EU lill-kittieb Naduri Pierre J. Mejlak.

## PIERRE J. MEJLAK
## Jirbaħ il-Premju tal-UE għall-Letteratura

Il-Kittieb Naduri Pierre J. Mejlak, l-awtur tal-ktieb, 'Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid', rebaħ il-premju prestiġjuż tal-EU għall-Letteratura. Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jifraħ lil Pierre għar-rebħ ta' dan il-premju. Din hija konferma ta' kemm il-poplu Malti għandu talent kbir tant li kapaċi jkun l-aħjar fost ċittadini oħrajn Ewropej.

---

## Ħatra ġdida għall-Kunsilliera
## DR. RITA MARCELL MIFSUD

Nifirħu lill-Kunsilliera Dr. Rita Marcell Mifsud li riċentement ġiet maħtura bħala *Chairperson* tal-*Policy Forum* dwar Għawdex, imwaqqaf mill-Partit Nazzjonalista.



---



## Grazzi lis-Segretarja
## RITA MIFSUD ATTARD

Wara 20 sena bħala Segretarju Eżekuttiv, Rita Mifsud Attard ħalliet din l-kariga għall-raġunjiet personali. Nirringrazzjaw f'isem ir-residenti tan-Nadur, lis- sinjura Mifsud Attard tal-ħidma kontinwa tagħha b'imħabba u passjoni lejn ir-raħal tagħna. Minn hawn nawgurawlha suċċessi u saħħa għall-futur. Nilqgħu fostna wkoll lis-Sur Joseph Azzopardi li ġie maħtur Agent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tagħna.


'15
Karnival tan-Nadur
KUNSILL LOKALI
NADUR
8 ta' Frar
fin-12:30pm
organizzat
13-17 ta' Frar
wara nżul ix-xemx
spontanju
www.visitMALTA.com
MALTA 2018
KAPITALI EWROPEA TAL-KULTURA
EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE
Coca-Cola